MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1685/2002

**Western Company Limited**

**vs**

**Saviour Tonna u Victoria Tonna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm462.10), u fejn intqal:**
**Li fl-10 t'Ottubru, 2001 inhargu diversi kambjalijiet minn Saviour Tonna u Victoria Tonna favur Western Company Limited ghall-ammont ta' tnejn u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm92.42) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenuti naqqsu li jhallsu kull xahar bejn Awissu 2001 u Gunju, 2002;**

**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm462.10), minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagement effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji nkluzi l-mandat ta' qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra li l-kambjalijiet in kwistjoni skadew fit-3 ta' Jannar, 2002, fit-3 ta' Frar, 2002, fit-3 ta' Marzu, 2002 u fit-3 t'April, 2002, skond id-Dok.ST1 esebit.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(a) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm462.10), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita` ta' kull kambjala sad-data tal-pagement effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**